SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

4 ta' Settembru 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Disinn Komunitarju – Regolament (KE) Nru 6/2002 – Artikolu 8(3) – Disinn li jippermetti l-assemblaġġ jew il-konnessjonijiet multipli ta' prodotti interkambjabbli f'sistema modulari – Portata tal-protezzjoni mogħtija minn tali disinn – Artikolu 10 – Kunċett ta' 'utent avżat' – Artikolu 89(1) – Sanzjonijiet fl-azzjoni għal kontrafazzjoni – Raġunijiet partikolari li jippermettu lill-qorti nazzjonali ma tagħtix id-digrieti previsti f'din id-dispożizzjoni – Kontrafazzjoni tal-elementi ta' logħba tal-kostruzzjoni, kwantitattivament ftit numerużi meta mqabbla mal-komponenti kollha ta' din il-logħba"

Fil-Kawża C-211/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Marzu 2024, fil-proċedura

LEGO A/S

vs

Pozitív Energiaforrás Kft.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, S. Rodin, N. Piçarra, O. Spineanu-Matei (Relatriċi) u N. Fenger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal LEGO A/S, minn Á. György, P. Lukácsi, K. Szamosi, ügyvédek, V. von Bomhard u L. von Gerlach, Rechtsanwälte,

– għal Pozitív Energiaforrás Kft., minn A. Lendvai, ügyvéd,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

– għall-Gvern Ungeriż, M. Z. Fehér u R. Kissné Berta, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Němečková u A. Tokár, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(3), tal-Artikolu 10 u tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142, rettifika fil-ĠU L, 2025/90303).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn LEGO A/S (iktar 'il quddiem "Lego") u Pozitív Energiaforrás Kft. dwar allegata kontrafazzjoni, minn din tal-aħħar, ta' żewġ disinni Komunitarji li Lego hija l-proprjetarja tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

3 Ir-Regolament Nru 6/2002 ġie emendat permezz tar-Regolament (UE) 2024/2822 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 (ĠU L, 2024/2822, p. 1). Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għandu jiġi eżaminat fid-dawl tal-verżjoni inizjali tar-Regolament Nru 6/2002.

4 Il-premessi 7, 10, 11 u 14 tar-Regolament Nru 6/2002 jistabbilixxu:

"(7) Il-protezzjoni mtejba għad-disinji industrijali mhux biss tippromwovi l-kontribuzzjoni tad-disinjaturi individwali għas-somma ta' l-eċċellenza Komunitarja fil-qasam, imma wkoll tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u l-investiment fil-produzzjoni tagħhom.

[…]

(10) L-innovazzjoni teknoloġika ma għandhiex tiġi mfixkla bil-konċessjoni ta' protezzjoni tad-disinji lill-karatteristiċi ddettati biss b'funzjoni teknika. Huwa mifhum illi dan ma jintitolax illi disinn għandu ikollu kwalità estetika. Bl-istess mod, l-interoperabbiltà tal-prodotti ta' għamliet differenti ma għandhiex tiġi mfixkla bl-estensjoni tal-protezzjoni għad-disinn ta' oġġetti mekkaniċi tat-twaħħil. B'konsegwenza ta' dan, dawk il-karatteristiċi li huma esklużi mill-protezzjoni għal dawn ir-raġunijiet ma għandhomx jitqiesu bl-għan li jiġi stmat jekk il-karatteristiċi l-oħra tad-disinn iwettqux il-ħtiġiet tal-protezzjoni.

(11) L-oġġetti mekkaniċi tat-twaħħil tal-prodotti modulari jistgħu madankollu jikkostitwixxu element importanti tal-karatteristiċi innovattivi tal-prodotti modulari u jippreżentaw gwadann maġġuri fil-*marketing*, u għalhekk għandhom ikunu eliġibbli għall-protezzjoni.

[…]

(14) L-istima dwar jekk disinn ikollux karattru individwali għandha tkun imsejsa fuq jekk l-impressjoni ġenerali prodotta minn utent informat [avżat] li jara d-disinn, tiddiferixxix biċ-ċar minn dik prodotta fuqu bil-*corpus* tad-disinn eżistenti, filwaqt li jqis in-natura tal-prodott li fih id-disinn ikun ġie applikat jew inkorporat, u b'mod partikolari s-settur industrijali li għalih jappartjeni u l-grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn."

5 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolment:

(a) 'disinn' ifisser id-dehra ta' prodott fl-intier tiegħu jew f'parti minnu li tirriżulta mill-karatteristiċi ta', b'mod partikolari, il-linji, il-konfigurazzjoni, il-kuluri, l-għamla, in-nisġa u/jew il-materjali tal-prodott innifsu u/jew ta' l-ornamenti tiegħu;

(b) 'prodott' ifisser kull oġġett industrijali jew magħmul bl-idejn, inklużi fost ħwejjeġ oħra l-partijiet maħsuba sabiex jiġu mmuntati fi prodott kumpless, imballaġġ, muntatura, simboli grafiċi u tipi tipografiċi, imma jeskludi l-programmi tal-kompjuter;

(ċ) 'prodott kumpless' ifisser prodott li jkun kompost minn komponenti multipli li posthom jista' jiġi mibdul hekk illi l-prodott jista jiġi żarmat jew armat mill-ġdid."

6 Skont l-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament:

"Disinn għandu jiġi protett b'disinn Komunitarju safejn u sakemm ikun ġdid u jkollu karattru individwali."

7 L-Artikolu 5 tal-istess regolament, intitolat "Is-sanzjonijiet", jipprovdi:

"1. Disinn għandu jitqies bħala ġdid jekk l-ebda disinn identiku ma jkun disponibbli għall-pubbliku

(a) fil-każ ta' disinn Komunitarju mhux irreġistrat, qabel id-data li fiha d-disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku għall-ewwel darba;

(b) fil-każ ta' disinn Komunitarju rreġistrat, qabel id-data ta' l-infilzar ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni, jew, jekk ikun hemm talba dwar il-prijorità, id-data tal-prijorità.

2. Id-disinji għandhom jiġu meqjusa li jkunu identiċi jekk il-karatteristiċi tagħhom jiddifferixxu biss f'dettalji immaterjali."

8 Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 6/2002, intitolat "Karattru individwali":

"1. Disinn għandu jiġi meqjus li jkollu karattru individwali jekk l-impressjoni ġenerali li jħalli fuq utent informat [avżat] tkun differenti mill-impressjoni ġenerali mħollija fuq dan l-utent minn kull disinn li jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku:

(a) fil-każ ta' disinn Komunitarju mhux irreġistrat, qabel id-data li fiha d-disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku għall-ewwel darba;

(b) fil-każ ta' disinn Komunitarju rreġistrat, qabel id-data ta' l-infilzar ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew, jekk ikun hemm talba dwar il-prijorità, id-data tal-prijorità.

2. Fl-istima tal-karattru individwali, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni l-grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn."

9 L-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, intitolat "Disinji ddettati mill-funzjoni teknika tagħhom u d-disinji ta' l-interkonnessjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"1. Disinn Komunitarju ma għandux jeżisti fil-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li jkunu ddettati biss bil-funzjoni teknika tiegħu.

2. Disinn Komunitarju ma għandux jeżisti fil-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li għandhom neċessarjament jiġu riprodotti fl-għamla u l-qisien tagħhom sabiex jippermettu illi l-prodott li fih ikun inkorporat id-disinn jew li għalih issir l-applikazzjoni sabiex jiġi magħqud jew imdaħħal fi jew b'kuntrast ma' prodott ieħor hekk illi l-ebda wieħed miż-żewġ prodotti ma jkun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu.

3. Minkejja l-paragrafu 2, disinn Komunitarju għandu jsostni ruħu skond il-kondizzjonijiet iddikjarati fl-Artikoli 5 u 6 f'disinn li jservi l-għan li jippermetti l-immuntar jew l-għaqda multipla ta' prodotti li jibdlu lilhom infushom b'mod reċiproku f'sistema modulari."

10 L-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament, intitolat "Skop tal-protezzjoni", jipprevedi:

"1. L-iskop tal-protezzjoni kkonferita b'disinn Komunitarju għandu jinkludi kull disinn li ma jħallix impressjoni ġenerali [viżiva globali] differenti fuq l-utent informat [avżat].

2. Fl-istima tal-karattru individwali, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni l-grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn tiegħu."

11 L-Artikolu 19(1) tal-istess regolament, intitolat "Drittijiet ikkonferiti bid-disinn Komunitarju", jipprovdi:

"Disinn Komunitarju rreġistrat għandu jikkonferixxi fuq il-pussessur tiegħu id-dritt esklużiv li jużah u jipprevjeni kull parti terza li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu milli tużah. L-użu msemmi hawn fuq għandu jkopri, b'mod partikolari, l-għemil, l-offerta, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-użu ta' prodott li fih ikun inkorporat id-disinn jew li jiġi applikat fih jew il-ħażna ta' dan il-prodott għal dawn l-għanijiet."

12 L-Artikolu 89 tar-Regolament Nru 6/2002, intitolat "Sanzjonijiet fil-kawżi dwar il-ksur tal-liġi", huwa fformulat kif ġej:

"1. Meta f'kawża dwar kontravenzjoni jew kontravenzjoni mhedda qorti tad-disinji Komunitarji ssib illi l-konvenut ikun kiser jew hedded li jikser disinn Komunitarju, għandha, jekk jeżistu raġunijiet speċjali sabiex ma tagħmilx hekk, tordna l-miżuri li ġejjin:

(a) ordni li tipprojbixxi lill-konvenut milli jipproċedi bl-atti li jkunu kisru jew jheddu li jiksru disinn Komunitarju;

(b) ordni sabiex jiġu ssekwestrati l-prodotti tal-kontravenzjoni;

(ċ) ordni sabiex jiġu ssekwestrati l-materjali u l-għodod użati b'mod predominanti fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti b'kontravenzjoni, jekk il-pussessur tagħhom kien jaf bl-effett li għalih kien maħsub dan l-użu jew jekk dan l-effett kien ovvju fiċ-ċirkostanzi;

(d) kull ordni ti timponi sanzjonijiet oħra approprjati skond iċ-ċirkostanzi li jkunu pprovduti bil-liġijiet ta' l-Istat Membru li fih jiġu kommessi l-atti tal-kontravenzjoni jew tal-kontravenzjoni mhedda, inklużi l-liġijiet privati internazzjonali tiegħu.

2. Il-qorti tad-disinji Komunitarji għandha tieħu dawn il-miżuri skond il-liġijiet nazzjonali tagħha kif ikunu mmirati sabiex jiżguraw illi jitħarsu l-ordnijiet riferiti fil-paragafu 1."


Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 Lego hija l-proprjetarja tad-disinn Komunitarju Nru 001950981–0001, irreġistrat bid-data tal-prijorità tat-22 ta' Novembru 2011, li s-suġġett tiegħu huwa element ta' għaqda għal logħba tal-kostruzzjoni. Dan l-element ta' għaqda huwa kkostitwit minn ċilindru mqabbeż 'il barra u minn żewġ assi forma ta' salib perpendikulari ma' xulxin u maċ-ċilindru, imqabbda maċ-ċilindru b'bażi ċilindrika. Ir-rappreżentazzjoni ta' dan id-disinn Komunitarju hija kif ġej:




14 Hija wkoll il-proprjetarja tad-disinn Komunitarju Nru 002137190–0002, irreġistrat bid-data ta' prijorità tas-16 ta' Novembru 2012 (iktar 'il quddiem, flimkien mad-disinn Komunitarju msemmi fil-punt preċedenti, id-"disinni Lego"). Dan għandu bħala suġġett element modulari ta' logħba

tal-kostruzzjoni, li għandu l-forma ta' blokka li għandha żewġ partijiet imqabbżin 'il barra fil-parti ta' fuq, żewġ tubi min-naħa tal-qiegħ u żewġ partijiet imqabbżin 'il barra vojta minn ġewwa fuq naħa waħda. Ir-rappreżentazzjoni ta' dan id-disinn Komunitarju hija kif ġej:



15 Il-logħbiet tal-kostruzzjoni li jagħmlu parti minnhom dawn iż-żewġ elementi huma sistemi modulari li fihom id-diversi elementi ta' kostruzzjoni tal-plastik jistgħu faċilment jingħaqdu u jitneħħew minn xulxin, u dan jippermetti l-ħolqien u ż-żarmar bir-rieda ta' strutturi ta' kostruzzjoni li l-forma tagħhom tista' tvarja.

16 Pozitív Energiaforrás fittxet li timporta fl-Ungerija, taħt it-trade mark Qman, logħbiet ta' kostruzzjoni magħmula wkoll minn elementi modulari tal-plastik (iktar 'il quddiem il-"logħob inkwistjoni"), li jinkludu, fost oħrajn, wieħed jew iktar mill-elementi ta' kostruzzjoni li l-immaġni tagħhom hija riprodotta hawn taħt (iktar 'il quddiem l-"elementi kkonċernati"):



17 Wara l-ilment ta' Lego, in-Nemzeti Adó- és Vámhivatal Veszprém Megyei Adó- és Vámigazgatósága (id-Direttorat tat-Taxxa u tad-Dwana ta' Veszprém, li jaqa' taħt l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana, l-Ungerija) ordna is-sekwestru ta' dan il-logħob inkwistjoni, u sussegwentement beda proċedura ta' ksur kontra l-amministratur ta' Pozitív Energiaforrás minħabba suspett ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lego.

18 Fit-22 ta' Ġunju 2022, Lego ressqet, skont l-Artikoli 10 u 89 tar-Regolament Nru 6/2002, quddiem il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), talba għal miżura provviżorja intiża għaż-żamma ta' dan is-sekwestru.

19 Dik il-qorti, permezz ta' digriet, ċaħdet dik it-talba. Hija qieset li d-disinni Lego kienu jaqgħu taħt il-protezzjoni prevista fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002 u li peress li l-forma tal-elementi ta' għaqda protetti minn dawn id-disinni kienet iddettata biss mill-funzjoni teknika tagħhom, huma kellhom neċessarjament jiġu riprodotti fil-forma u fid-dimensjonijiet eżatti tagħhom sabiex jissodisfaw il-funzjoni tagħhom ta' konnetturi fil-logħba tal-kostruzzjoni li kienu jagħmlu parti minnha, b'tali mod li l-grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' tali forma kien limitat ħafna. Peress li kkunsidrat li l-"utent avżat" li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-portata tal-protezzjoni kien dak li kien jara tali disinni b'għajn partikolarment attenta għall-iċken dettall, l-imsemmija qorti, abbażi ta' paragun bejn ir-rappreżentazzjonijiet irreġistrati tad-disinni Lego mar-riproduzzjonijiet fotografiċi tal-elementi kkonċernati, qieset li dawn tal-aħħar kienu jipproduċu fuq l-utent avżat impressjoni globali differenti minn dik mogħtija mid-disinni Lego.

20 Fir-rigward tad-disinn Komunitarju Nru 001950981–0001, imsemmi fil-punt 13 ta' din is-sentenza, ġie kkunsidrat, f'dak id-digriet, li d-diverġenzi fil-livell tal-bażijiet ċilindriċi, tas-superfiċji ta' għaqda, tal-forma tas-salib u ta' ċerti linji kienu jwasslu għal differenzi fl-impressjoni globali prodotta fuq l-utent avżat. Fir-rigward tad-disinn Komunitarju Nru 002137190–0002, imsemmi fil-punt 14 ta' din is-sentenza, ġie kkunsidrat li l-blokok importati minn Pozitív Energiaforrás, bil-ħajt ta' wara kkurvat tagħhom u bil-forom tondi tagħhom minflok l-angoli retti tal-blokok ta' Lego, kienu jagħtu wkoll impressjoni globali differenti lill-utent avżat.

21 Il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), adita fl-appell minn Lego, bidlet l-imsemmi digriet u ordnat is-sekwestru tal-logħob inkwistjoni minħabba li d-disinni Lego ma kinux jipproduċu fuq l-utent avżat impressjoni globali differenti minn dik mogħtija mill-elementi kkonċernati.

22 Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija), adita b'appell minn Pozitív Energiaforrás. Fid-dawl b'mod partikolari tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dik il-qorti ddeċidiet li, kuntrarjament għal dak li kienet ikkunsidrat il-qorti tal-ewwel istanza, l-utent avżat ma jistax ikun mistenni li jieħu inkunsiderazzjoni sabiex jevalwa l-portata tal-protezzjoni mogħtija mid-disinni Lego livell ta' konċentrazzjoni bħal dak li teħtieġ osservazzjoni ddettaljata u attenta għall-iċken dettall tal-prodotti kunfliġġenti. Konsegwentement, il-Kúria (il-Qorti Suprema) ddeċidiet li l-elementi kkonċernati ma kinux jipproduċu fuq l-utent avżat impressjoni globali differenti minn dik mogħtija mid-disinni Lego, sa fejn dawn ma kinux jippreżentaw differenzi sinjifikattivi minħabba d-daqs jew id-disinn tagħhom.

23 Sussegwentement, Lego adixxiet lill-Fővárosi Törvényszé (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest), li hija l-qorti tar-rinviju, b'azzjoni għal kontrafazzjoni kontra Pozitív Energiaforrás.

24 Skont il-qorti tar-rinviju, id-disinni Lego jaqgħu taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002, peress li għandhom l-għan li jippermettu l-assemblaġġ jew il-konnessjonijiet multipli ta' prodotti interkambjabbli ġewwa sistema modulari.

25 Skont dik il-qorti, l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002 jippermetti, fil-fatt, li tingħata protezzjoni, bħala disinn Komunitarju, lill-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li huma esklużivament iddettati mill-funzjoni teknika tiegħu u li jiġu ggarantiti lill-proprjetarju ta' tali disinn drittijiet ekwivalenti għal dawk normalment mogħtija minn privattiva. Madankollu, tali sitwazzjoni tista' twassal sabiex dan il-proprjetarju, billi jibbaża ruħu fuq disinni Komunitarji suċċessivi, miksuba wara l-iskadenza tal-privattiva li tipproteġi l-prodott tiegħu, jasal sabiex

jipprekludi lill-kompetituri milli jippproponu prodott li jinkorpora wħud mill-karatteristiċi funzjonali tal-prodott tiegħu jew sabiex jillimita s-soluzzjonijiet tekniċi possibbli. Barra minn hekk, dan huwa l-każ ta' Lego li, fil-kawża prinċipali, tinvoka l-protezzjoni miksuba b'deroga għal disinni li huma koperti minn privattivi skaduti, u li ġew elaborati permezz ta' xogħol ta' disinn tekniku ta' rutina, sabiex topponi għall-importazzjoni tal-logħob inkwistjoni minħabba l-preżenza, f'dawn tal-aħħar, ta' elementi li fir-rigward tagħhom il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest) u l-Kúria (il-Qorti Suprema) qiesu li ma kinux jipproduċu fuq l-utent avżat impressjoni globali differenti minn dik prodotta mid-disinni Lego.

26 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi liema huma l-kapaċitajiet li l-"utent informat [avżat]" imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 6/2002 huwa meqjus li għandu meta tiġi evalwata l-impressjoni globali prodotta fuqu minn tali disinni. B'mod partikolari, hija tixtieq tkun taf jekk il-portata ta' dan il-kunċett, kif tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011, PepsiCo vs Grupo Promer Mon Graphic (C-281/10 P, EU:C:2011:679), jiġifieri dik ta' utent li ma huwiex espert jew bniedem tas-sengħa li kapaċi josserva fid-dettall id-differenzi minimi li jistgħu jeżistu bejn id-disinni kunfliġġenti, tistax tiġi trasposta fil-kuntest tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002. Skont dik il-qorti, ma jistax jiġi eskluż li, fid-dawl tan-natura derogatorja tal-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002, tali utent għandu jitqies bħala dak li għandu konoxxenzi tekniċi kif ukoll kapaċitajiet ta' osservazzjoni u ta' analiżi paragunabbli ma' dawk li jipprevalu, fid-dritt tal-privattivi, fl-evalwazzjoni tan-natura inventiva ta' attività.

27 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li, jekk il-kunċett ta' "utent avżat", għall-finijiet tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002, ma kellux jiġi ddefinit b'mod partikolari b'riferiment għall-kapaċità ta' tali utent, fid-dawl tal-kompetenza teknika tiegħu, li josserva fid-dettall id-disinni kunfliġġenti u li jidentifika d-differenzi minimi li jistgħu jeżistu bejniethom, dan jista' jwassal sabiex tali differenzi jitqiesu li huma impossibbli li jiġu identifikati fil-kuntest ta' perċezzjoni globali ta' dawn id-disinni, b'tali mod li d-disinni Komunitarji li jipproteġuhom isiru, *de facto*, inevitabbli.

28 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-portata tal-kunċett ta' "impressjoni globali" prodotta fuq l-utent avżat mid-disinn li l-karatteristiċi tiegħu huma ddettati esklużivament mill-funzjoni teknika tiegħu u li ma jippreżentaw ebda element ta' natura purament estetika. F'dan ir-rigward, hija tal-fehma li l-effett viżiv ta' tali disinn huwa ta' importanza sekondarja meta mqabbel mal-karatteristiċi funzjonali tiegħu. Fil-fatt, ix-xebh u d-differenzi bejn tali disinni ma jistgħux jiġu identifikati permezz tal-osservazzjoni u tal-użu ta' kunċetti li jaqgħu taħt l-impressjoni viżiva, iżda permezz ta' analiżi u raġunament imwettqa minn perspettiva teknika. Għaldaqstant, jista' jiġi previst li l-kunċett ta' "impressjoni globali" jiġi estiż sabiex jinkludi mhux biss il-perċezzjoni viżiva tad-dehra tad-disinn, iżda wkoll l-opinjoni teknika tal-bniedem tas-sengħa.

29 Barra minn hekk, it-talba għal deċiżjoni preliminari tirreferi għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002 u, b'mod iktar partikolari, għall-portata tal-kunċett ta' "raġunijiet partikolari" li jippermettu lil qorti tad-disinni Komunitarji, jekk ikun il-każ, tastjeni milli tagħti wieħed mid-digrieti msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni.

30 Għalhekk, fil-kuntest tal-kawża li tressqet quddiemha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fil-każ li hija tasal sabiex tikkonstata li Pozitív Energiaforrás vvjolat id-disinni Lego, hija tistax, fid-dawl, minn naħa, b'mod partikolari tan-natura parzjali tal-kontrafazzjoni, peress li ma tirrigwardax il-logħob kollu inkwistjoni, iżda biss l-elementi kkonċernati li huma preżenti biss fi kwantitajiet

minimi, u, min-naħa l-oħra, għan intiż li jevita l-ħolqien ta' ostakoli inutli għall-kummerċ leġittimu, tiddeċiedi li tilqa' biss b'mod limitat it-talba tal-proprjetarju tad-disinn, jew saħansitra li tiċħadha.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) F'kawża bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha l-proprjetarju jinvoka disinn protett skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament [Nru 6/2002], fir-rigward ta' blokka ta' kostruzzjoni waħda jew iktar ta' logħba ta' kostruzzjoni tal-konvenuta li jissodisfaw l-istess funzjoni ta' assemblaġġ bħall-blokok tad-disinn tar-rikorrenti, għandha titqies li hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, prattika ġudizzjarja li permezz tagħha l-qrati nazzjonali, meta jiddeterminaw il-portata tal-protezzjoni, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament, tad-disinn tar-rikorrenti:

– jibbażaw ruħhom fuq utent avżat li jkollu, fir-rigward tal-funzjoni tad-disinn u dik tal-prodott, l-għarfien tekniku mistenni minn bniedem tas-sengħa fis-settur;

– iqisu bħala utent avżat dak li jipparaguna d-disinn tar-rikorrenti u l-prodott tal-konvenuta permezz ta' eżami bir-reqqa, tekniku u metodiku, u

– jassumu li dan l-utent avżat jifforma l-impressjoni globali tiegħu tad-disinn u tal-prodott, qabelxejn, bħala opinjoni teknika?

2) Fil-każ li, f'kawża bil-karatteristiċi indikati iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li l-protezzjoni mogħtija mid-disinn tar-rikorrenti testendi għal parti waħda jew għal ftit partijiet preżenti fil-logħob ta' kostruzzjoni tal-konvenuta, li, madankollu, jikkostitwixxu numru żgħir ta' blokok ta' kostruzzjoni meta mqabbla mal-blokok kollha, id-dritt tal-Unjoni jippermetti r-rikonoxximent ta' setgħa ta' evalwazzjoni li permezz tagħha l-qorti tiċħad, fid-dawl tan-natura parzjali tal-ksur, tal-gravità limitata u tal-portata tal-ksur fir-rigward tal-prodott fl-intier tiegħu u tal-interessi marbuta mal-kummerċ mingħajr restrizzjoni ta' logħba ta' kostruzzjoni li fil-parti l-kbira tagħha ma hijiex ikkontestata, raġunijiet li jikklassifikaw bħala 'raġunijiet [partikolari]' fis-sens tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament, it-talba intiża li tkun ipprojbita l-kontinwazzjoni tal-importazzjoni fil-pajjiż tal-logħba ta' kostruzzjoni?".

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

32 Lego ssostni li ż-żewġ domandi preliminari jistgħu jiġu ddikjarati inammissibbli, peress li l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 6/2002 issuġġerita fit-talba għal deċiżjoni preliminari hija bbażata mhux biss fuq ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-regolament u tal-prinċipji li fuqhom huwa bbażat, iżda wkoll fuq il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, adita bit-tilwima fil-kawża prinċipali u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ, kemm in-neċessità għal deċiżjoni preliminari sabiex hija tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti

tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, kemm-il darba d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi. Minn dan isegwi li domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiċħad li tagħti risposta għal domanda magħmula minn qorti nazzjonali biss jekk ikun jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, fejn il-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, LivaNova, C-713/22, EU:C:2024:642, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju, adita b'azzjoni għal kontrafazzjoni, għandha tiddetermina, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-fondatezza ta' din l-azzjoni, il-portata tal-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tad-disinni msemmija fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002 u, jekk ikun il-każ, il-marġni li hija għandha fir-rigward tas-sanzjonijiet previsti minn dan ir-regolament jekk tiġi kkonstatata kontrafazzjoni. Għal dan l-għan, din il-qorti tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(3), tal-Artikolu 10 u tal-Artikolu 89(1) tal-imsemmi regolament.

35 Għaldaqstant, ma jidhirx li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba mill-imsemmija qorti ma għandhom ebda rabta mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali jew li l-kwistjonijiet imqajma minn dawn id-domandi ma humiex rilevanti għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-oġġezzjoni bbażata fuq il-ksur mill-qorti tar-rinviju tal-portata tad-dritt tal-Unjoni ma tirrigwardax l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, iżda hija marbuta b'mod inseparabbli mar-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula u, konsegwentement, ma hijiex ta' natura li twassal għall-inammissibbiltà ta' dawn id-domandi (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 1984, Moser, 180/83, EU:C:1984:233, punt 10 u tal-15 ta' Lulju 2021, Latvijas dzelzceļš (Faċilitajiet tas-servizz ferrovjarju), C-60/20, EU:C:2021:610, punt 27).

37 Konsegwentement, id-domandi huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel domanda

38 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 6/2002 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-portata tal-protezzjoni mogħtija minn disinn Komunitarju skont l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament għandha tiġi evalwata abbażi tal-perċezzjoni ta' utent avżat li, peress li għandu għarfien tekniku simili għal dak li jista' jkun mistenni minn professjonist, jeżamina d-disinn ikkonċernat fl-iċken dettall u li l-impressjoni globali tiegħu hija bbażata prinċipalment fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura teknika.

39 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2022, disinn huwa ddefinit bħala "id-dehra ta' prodott fl-intier tiegħu jew f'parti minnu li tirriżulta mill-karatteristiċi ta', b'mod partikolari, il-linji, il-konfigurazzjoni, il-kuluri, l-għamla, in-nisġa u/jew il-materjali tal-prodott innifsu u/jew ta' l-ornamenti tiegħu". Minn dan isegwi li, fil-kuntest tas-sistema prevista minn dan ir-regolament, id-dehra tikkostitwixxi element

determinanti ta' disinn (sentenzi tal-21 ta' Settembru 2017, Easy Sanitary Solutions u EUIPO vs Group Nivelles, C-361/15 P u C-405/15 P, EU:C:2017:720, punt 62 kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2023, Papierfabriek Doetinchem, C-684/21, EU:C:2023:141, punt 19).

40 Konformement mal-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament, id-dritt esklużiv, imsemmi fl-Artikolu 19 tal-istess regolament, li huwa mogħti minn disinn Komunitarju jestendi għal kull disinn li ma jħallix fuq l-"utent informat [avżat]" "impressjoni ġenerali [viżiva] globali" differenti minn dan id-disinn Komunitarju. Sabiex tiġi apprezzata l-portata ta' din il-protezzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-"grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn tiegħu".

41 L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 6/2002 jeskludi mill-imsemmija protezzjoni, fil-paragrafu 1 tiegħu, il-karatteristiċi tal-apparenza li huma esklużivament imposti mill-funzjoni teknika tal-prodott u, fil-paragrafu 2 tiegħu, il-karatteristiċi tal-apparenza li għandhom neċessarjament jiġu riprodotti fil-forom u fid-dimensjonijiet eżatti tagħhom sabiex il-prodott li fih dawn huma inkorporati jew li għalih id-disinn huwa applikat, jista' jkun imqabbad mekkanikament ma' prodott ieħor, jitqiegħed ġew jew madwar prodott ieħor, jew jitqiegħed f'kuntatt ma' prodott ieħor, b'mod li kull prodott jista' jissodisfa l-funzjoni tiegħu.

42 Madankollu, konformement mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002, b'deroga mill-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament, disinn li għandu l-għan li jippermetti l-assemblaġġ jew l-għaqda multipla ta' prodotti interkambjabbli ġewwa sistema modulari huwa, bil-kundizzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti ta' novità u ta' karattru individwali stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 tal-imsemmi regolament, protett.

43 Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-interpretazzjoni, kif tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-kunċett ta' "utent avżat", li jinsab fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 6/2002 u li ma huwiex iddefinit minn dan ir-regolament, hijiex applikabbli meta tiġi evalwata l-portata tal-protezzjoni marbuta ma' disinni Komunitarji li jaqgħu taħt l-Artikolu 8(3) tal-imsemmi regolament, jew jekk il-livell ta' attenzjoni mistenni minn utent avżat għandux, meta mqabbel ma' dan it-tip ta' disinni, joqrob lejn dak li jista' jkun mistenni minn professjonist.

44 Skont dik il-qorti, fil-każ tad-disinni koperti f'din l-aħħar dispożizzjoni, il-grad ta' libertà tad-disinjatur huwa dgħajjef ħafna. Għaldaqstant, huwa ġġustifikat li jittieħed inkunsiderazzjoni "utent avżat" li jkun kapaċi jeżamina fl-iċken dettall id-disinni li jistgħu jiġu protetti. Barra minn hekk, f'każ bħal dan, il-kunċett ta' "impressjoni globali" għandu, skont l-imsemmija qorti, jinkludi mhux biss il-perċezzjoni viżiva, minn tali utent, tad-dehra tal-imsemmija disinni, iżda wkoll l-opinjoni teknika tiegħu, bħala bniedem tas-sengħa, fir-rigward tal-karatteristiċi funzjonali tagħhom.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 6/2002 jirriżulta li l-protezzjoni mogħtija minn disinn Komunitarju testendi għal kull disinn li ma jħallix fuq l-"utent informat [avżat]" "impressjoni ġenerali [viżiva globali] differenti", fejn din il-portata tal-protezzjoni għandha tiġi evalwata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-"grad tal-libertà tad-disinjatur".

46 Din id-dispożizzjoni ma teskludix mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha d-disinni msemmija fl-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament, li hija dispożizzjoni speċifikament iddedikata għas-sistemi modulari, li minnhom jagħmlu parti l-logħob tal-kostruzzjoni. Konsegwentement, l-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament japplika għal każ, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn

il-proprjetarju ta' disinni Komunitarji msemmija f'dan l-Artikolu 8(3), iressaq azzjoni għal kontrafazzjoni kontra terz sabiex dan jiġi pprojbit milli juża disinni li ma jipproduċux, skont dan il-proprjetarju, impressjoni viżiva globali differenti fuq l-utent avżat.

47 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-"impressjoni ġenerali" imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 6/2002, kif ukoll fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, li għalih jirreferi espressament l-Artikolu 8(3) tiegħu, għandu jiġi osservat li din l-impressjoni tikkonsisti fil-perċezzjoni viżiva, mill-utent avżat, tad-dehra tal-prodott inkwistjoni mogħtija, b'mod partikolari, mill-karatteristiċi elenkati fl-Artikolu 3(a) tal-imsemmi regolament.

48 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, il-kunċett ta' "utent informat [avżat]", li jinsab ukoll fl-Artikoli 6 u 10 tar-Regolament Nru 6/2002 u għandu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 21 tal-konklużjonijiet tiegħu, jiġi interpretat bl-istess mod għal dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, hija ġurisprudenza stabbilita li l-portata ta' dan il-kunċett tinsab bejn dak ta' konsumatur medju, applikabbli fil-qasam tat-trade marks, li lilu ma huwa mitlub ebda għarfien speċifiku u li ġeneralment ma jagħmilx konnessjoni diretta bejn it-trade marks kunfliġġenti, u dak tal-bniedem tas-sengħa, espert li għandu kompetenzi tekniċi estensivi. Għalhekk, il-kunċett ta' "utent avżat" jista' jinftiehem li jinkludi utent li għandu mhux attenzjoni medja iżda viġilanza partikolari, sewwa jekk din ġejja mill-esperjenza personali tiegħu jew mill-għarfien estiż tiegħu tas-settur ikkunsidrat. It-terminu "avżat" ifisser li, mingħajr ma jkun disinjatur jew espert tekniku, l-utent ikun jaf id-disinni differenti li jeżistu fil-qasam ikkonċernat, għandu ċertu livell ta' konoxxenza fir-rigward tal-elementi li dawn id-disinni jkun fihom normalment u, minħabba l-interess tiegħu fil-prodotti kkonċernati, juża livell ta' attenzjoni relattivament ogħla meta jagħmel użu minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Ottubru 2011, PepsiCo vs Grupo Promer Mon Graphic, C-281/10 P, EU:C:2011:679, punti 53 u 59, kif ukoll tal-21 ta' Settembru 2017, Easy Sanitary Solutions u EUIPO vs Group Nivelles, C-361/15 P u C-405/15 P, EU:C:2017:720, punti 124 u 125).

49 Ebda element tal-kliem jew tal-kuntest tar-Regolament Nru 6/2002 ma jindika li dan il-kunċett ta' "utent avżat" għandu jiġi interpretat b'mod differenti meta l-protezzjoni mogħtija minn disinn Komunitarju taqa' taħt l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament.

50 Ċertament, il-livell ta' attenzjoni ta' tali utenti, li huwa, fi kwalunkwe każ, relattivament għoli, jista' jvarja abbażi tas-settur ikkonċernat (ara, b'analoġija, fir-rigward tad-dritt tat-trade marks, sentenza tal-14 ta' Novembru 2024, Compass Banca, C-646/22, EU:C:2024:957, punt 55), inkluż meta dan jikkonċerna diżinni li jaqgħu taħt l-Artikolu 8(3) tal-imsemmi regolament. Konsegwentement, ma jistax jiġi eskluż li, f'din l-aħħar sitwazzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, livell ta' attenzjoni jew viġilanza xierqa għas-settur ikkonċernat. Madankollu, anki f'tali sitwazzjoni, ma hemmx lok li tittieħed inkunsiderazzjoni l-perċezzjoni ta' utent li jkun espert fis-settur ikkunsidrat, li jkollu kompetenzi tekniċi fil-fond, bħall-bniedem tas-sengħa, u lanqas li jiġi kkunsidrat li l-impressjoni globali prodotta fuq dan l-utent għandha tirriżulta prinċipalment minn opinjoni teknika.

51 It-tielet nett, skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 6/2002, il- "grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn tiegħu" għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata, abbażi tal-kunċetti ta' "utent informat [avżat]" u ta' "impressjoni ġenerali [viżiva globali]" stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, il-portata tal-protezzjoni mogħtija minn disinn Komunitarju.

52 Kif jenfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punti 36 u 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, iktar ma tkun ristretta l-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' disinn, iktar ikun probabbli li differenzi żgħar bejn id-disinni inkwistjoni jkunu biżżejjed sabiex jagħtu impressjoni globali differenti lill-utent avżat.

Għall-kuntrarju, iktar ma tkun kbira l-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp ta' disinn, inqas ikun probabbli li differenzi żgħar bejn id-disinni kunfliġġenti jkunu biżżejjed sabiex jagħtu impressjoni globali differenti lill-utent avżat. Għalhekk, meta l-libertà tad-disinjatur tkun ristretta minn numru kbir ta' karatteristiċi tad-dehra tal-prodott jew tal-parti tal-prodott inkwistjoni li huma ddettati biss mill-funzjoni teknika ta' dan il-prodott jew ta' din il-parti ta' prodott, il-preżenza ta' differenzi żgħar bejn id-disinni kunfliġġenti tista' tkun biżżejjed sabiex tipproduċi impressjoni globali differenti fuq l-utent avżat.

53 Bħall-kunċetti ta' "impressjoni globali" u ta' "utent avżat", imfakkra fil-punti 47 u 48 ta' din is-sentenza, dak ta' "grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn tiegħu", kif interpretat fil-punt 52 ta' din is-sentenza, japplika fil-każ ta' azzjoni għall-kontrafazzjoni mressqa mill-proprjetarju ta' disinni Komunitarji li jaqgħu taħt l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002.

54 Madankollu, l-effett utli tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002 jimplika li, kuntrarjament għall-karatteristiċi tad-dehra msemmija fl-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament, il-karatteristiċi tad-dehra li jippermettu l-interkonnessjoni, protetti minn dan il-paragrafu 3, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-"impressjoni viżiva globali" fis-sens tal-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament. Għaldaqstant, il-preżenza ta' elementi ta' interkonnessjoni protetti mill-Artikolu 8(3) tal-istess regolament, fid-disinn Komunitarju kkonċernat, tista' tkun ta' detriment għall-konstatazzjoni ta' impressjoni viżiva globali differenti, fis-sens ta' dan l-Artikolu 10, b'tali mod li, fl-assenza ta' differenzi suffiċjentement sinjifikattivi fid-dehra globali tad-disinni kunfliġġenti, l-eżistenza ta' punti ta' konnessjoni li għandhom l-istess forma u l-istess dimensjonijiet, għall-finijiet tal-assemblaġġ jew tal-konnessjoni ta' prodotti interkambjabbli fi ħdan sistema modulari, tista' teskludi tali konstatazzjoni.

55 Din l-interpretazzjoni tal-portata tal-protezzjoni fil-każ ta' disinn Komunitarju li jaqa' taħt l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 6/2002 hija kkorroborata mill-għan ta' dan ir-regolament, li jikkonsisti b'mod partikolari, kif tiddikjara l-premessa 7 tiegħu, f'li jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda.

56 F'dan ir-rigward, mill-premessa 11 tal-imsemmi regolament jirriżulta, minn naħa, li l-leġiżlatur tal-Unjoni, wara li kkonstata li l-konnessjonijiet mekkaniċi ta' prodotti modulari jistgħu jikkostitwixxu element importanti tal-karatteristiċi innovattivi ta' prodotti modulari u vantaġġ prezzjuż għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, kellu l-intenzjoni, bla ħsara għall-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' novità u tal-karattru individwali, li jagħtihom il-benefiċċju tal-protezzjoni mogħtija lid-disinni mir-Regolament Nru 6/2002.

57 Min-naħa l-oħra, din ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni, kif espressa minn din il-premessa 11 u mill-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament, li jagħti protezzjoni ikbar lill-operatur ekonomiku li ħoloq dehra ġdida ta' elementi ta' konnessjoni jew ta' assemblaġġ fi ħdan sistema modulari, ma llimitatx ir-rieda daqstant importanti ta' dan il-leġiżlatur, espressa fl-ewwel sentenza tal-premessa 10 tal-imsemmi regolament u fl-Artikolu 8(1) tiegħu, li tippermetti lil kull operatur ekonomiku ieħor li jinnova huwa wkoll billi joħloq, min-naħa tiegħu, dehra ġdida ta' tali elementi ta' konnessjoni jew ta' assemblaġġ li ma għandhomx l-istess forom u dimensjonijiet fil-punti ta' konnessjoni tagħhom u li għandhom ċerti karatteristiċi li jipproduċu impressjoni viżiva globali differenti fuq l-utent avżat.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-portata tal-protezzjoni ta' disinn li jaqa' taħt l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament għandha tiġi evalwata

b'riferiment għall-impressjoni viżiva globali prodotta minn dan id-disinn fuq utent avżat li, mingħajr ma jkun disinjatur jew espert tekniku, ikun jaf b'disinni differenti li jeżistu fis-settur ikkonċernat, għandu ċertu livell ta' għarfien fir-rigward tal-elementi li dawn id-disinni normalment ikun fihom u, minħabba l-interess tiegħu fil-prodotti kkonċernati, juri livell ta' attenzjoni relattivament għoli meta jużahom bħala elementi tas-sistema modulari li jagħmlu parti minnha u mhux fuq utent li, peress li għandu għarfien tekniku simili għal dak li jista' jkun mistenni minn professjonist, jeżamina d-disinn ikkonċernat fl-iċken dettall u li l-impressjoni globali tiegħu hija bbażata prinċipalment fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura teknika.

Fuq it-tieni domanda

59 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandux jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt il-kunċett ta' "raġunijiet partikolari", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li jippermetti lil qorti tad-disinni Komunitarji ma tagħtix wieħed jew iktar mid-digrieti msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni, il-fatt li kontrafazzjoni tirrigwarda biss ċerti elementi ta' sistema modulari, kwantitattivament ftit meta mqabbla mal-komponenti kollha ta' din is-sistema.

60 L-Artikolu 89 tar-Regolament Nru 6/2002, dwar is-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti fil-każ ta' kontrafazzjoni jew theddida ta' kontrafazzjoni, jelenka, fil-paragrafu 1 tiegħu, it-tipi ta' digrieti li l-qorti tad-disinni Komunitarji hija, f'każ bħal dan, obbligata li tagħti. Madankollu, din id-dispożizzjoni tippreċiża li din il-qorti tagħti dawn id-digrieti "[ħlief] jekk jeżistu raġunijiet speċjali sabiex ma tagħmilx hekk".

61 Il-kunċett ta' "raġunijiet partikolari", fis-sens ta' dan l-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002, għandu jingħata interpretazzjoni uniformi u stretta fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

62 Fil-fatt, minn naħa, jekk dan il-kunċett kellu jiġi interpretat b'mod differenti fid-diversi Stati Membri, l-istess ċirkustanzi jistgħu jagħtu lok għal projbizzjonijiet tat-twettiq ta' atti ta' kontrafazzjoni jew atti li jkunu ta' theddida ta' kontrafazzjoni f'ċerti Stati Membri u mhux f'oħrajn, b'tali mod li l-protezzjoni ggarantita lid-disinni ma tkunx uniformi fit-territorju kollu tal-Unjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, Nokia, C-316/05, EU:C:2006:789, punt 27).

63 Min-naħa l-oħra, it-termini imperattivi li bihom huwa redatt l-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jippermettu li jiġi affermat li l-kunċett ta' "raġunijiet partikolari" jinkludi deroga mill-obbligu tal-qorti li tagħti d-digrieti previsti f'din id-dispożizzjoni. Minn dan isegwi li dan il-kunċett għandu jkun suġġett għal interpretazzjoni stretta (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, Nokia, C-316/05, EU:C:2006:789, punti 29 u 30).

64 Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li l-kunċett ta' "raġunijiet partikolari", fis-sens tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002, jirrigwarda ċirkustanzi fattwali speċifiċi għal każ partikolari (sentenza tat-13 ta' Frar 2014, H. Gautzsch Großhandel, C-479/12, EU:C:2014:75, punt 48).

65 Għalhekk, l-imsemmi kunċett jipprevedi biss sitwazzjonijiet eċċezzjonali li fihom, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-imġiba attribwiti lit-terz, partikolarment il-fatt li jkun impossibbli għal dan li jwettaq l-atti ta' kontrafazzjoni jew atti li jkunu ta' theddida ta' kontrafazzjoni attribwiti lilu, tali qorti ta' disinni Komunitarji ma hijiex marbuta li tagħti digriet li jipprojbixxi lil dan it-terz milli jwettaq tali atti (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Nikolajeva, C-280/15, EU:C:2016:467, punt 33).

66 Issa, il-fatt li kontrafazzjoni tkopri biss ċerti elementi ta' sistema modulari, bħal, f'dan il-każ, l-elementi kkonċernati tal-logħba inkwistjoni, kwantitattivament ftit meta mqabbla mal-komponenti kollha ta' din is-sistema, ma jaqax, bħala tali, taħt tali sitwazzjoni eċċezzjonali li tippermetti lill-qorti nazzjonali li ma tagħtix wieħed jew iktar mid-digrieti previsti fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002.

67 Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jaqax taħt il-kunċett ta' "raġunijiet partikolari", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li jippermetti lil qorti tad-disinni Komunitarji ma tagħtix wieħed jew iktar mid-digrieti msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni, il-fatt li kontrafazzjoni tirrigwarda biss ċerti elementi ta' sistema modulari, kwantitattivament ftit meta mqabbla mal-komponenti kollha ta' din is-sistema.

Fuq l-ispejjeż

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji,**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-portata tal-protezzjoni ta' disinn li jaqa' taħt l-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament għandha tiġi evalwata b'riferiment għall-impressjoni viżiva globali prodotta minn dan id-disinn fuq utent avżat li, mingħajr ma jkun disinjatur jew espert tekniku, ikun jaf b'disinni differenti li jeżistu fis-settur ikkonċernat, għandu ċertu livell ta' għarfien fir-rigward tal-elementi li dawn id-disinni normalment ikun fihom u, minħabba l-interess tiegħu fil-prodotti kkonċernati, juri livell ta' attenzjoni relattivament għoli meta jużahom bħala elementi tas-sistema modulari li jagħmlu parti minnha u mhux fuq utent li, peress li għandu għarfien tekniku simili għal dak li jista' jkun mistenni minn professjonist, jeżamina d-disinn ikkonċernat fl-iċken dettall u li l-impressjoni globali tiegħu hija bbażata prinċipalment fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura teknika.

2) **L-Artikolu 89(1) tar-Regolament Nru 6/2002**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jaqax taħt il-kunċett ta' "raġunijiet partikolari", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li jippermetti lil qorti tad-disinni Komunitarji ma tagħtix wieħed jew iktar mid-digrieti msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni, il-fatt li kontrafazzjoni tirrigwarda biss ċerti elementi ta' sistema modulari, kwantitattivament ftit meta mqabbla mal-komponenti kollha ta' din is-sistema.

Firem